# Il-kappella ta' San Ġużepp

Emanuel Peresso



Ir-raħal ta' Wied il-Għajn, sa' mitt sena ilu kien raħal pjuttost żgħir bi ftit familji, li ħafna minnhom kienu sajjieda jew raħħala. Kien mogħni b'diversi siti storiċi biex jiddefendu l-kosta kif ukoll kellu kwantità ta' kappelli kemm fil-qalba tar-raħal u 'l madwar. Waħda minn dawn il-kappelli kienet fil-qalba tar-raħal eżattament fejn illum hemm sit rikreattiv li jinkludi l-bandli. Qabel il-gwerra kien joqgħod l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici li kien magħruf bħala l-Gross.

Din il-kappella kienet iddedikata lil San Ġużepp u nbniet minn ċertu Wenzu Bigeni malmitt sena ilu, fuq pjanta tal-perit Soler. Jingħad li dan Bigeni bena wkoll il-knisja l-qadima ta' Sant' Anna.[1] Din il-knisja kellha artal wieħed fin-nofs u kellha gustpatronat f'idejn il-familja Savona.[2] Kif diġa semmejt, l-Avukat Mifsud Bonnici kellu r-residenza tmiss ma' din il-kappella, u kienet konswetudni tiegħu u tal-familja tiegħu, li jisimgħu l-quddies mill-gallerija ta' din il-kappella, li kienet tmiss mar-residenza tagħhom. Din il-kappella ma' kellhiex siġġijiet, u meta kien ikun hemm xi quddiesa jew xi funzjoni reliġjuża, in-nies tal-post kienu jieħdu s-siġġijiet magħhom.[3] Kien hemm żmien li kienet issir quddiesa kull nhar ta' Ħadd, pero hekk kif bdew jgħaddu s-snin, il-funzjonijiet reliġjużi bdew jonqsu ħafna, tant li bdew isiru quddies darba fix-xahar. Bejn l-1941 u l-1942 fil-qilla tal-gwerra kien hemm saċerdot Ingliż li kien jassisti fil-funzjonijiet reliġjużi, ċertu patri Ratcliffe. Abbati li kien jassisti lil dan is-saċerdot Ingliż kien Ġiovanni Bonnici. Dan jiftakar quddiesa li dan is-saċerdot Ingliż kien iċċelebra fil-lejl tal-Milied. Il-kappella kienet mimlija bin-nies tal-lokal li għalkemm il-quddies kienet tkun bl-Ingliż il-kongregazzjoni xorta kienet isegwi dak li kien qiegħed jiġri. Ma' ġenb din il-knisja kien hemm xelter tal-gwerra. F'xi funzjoni speċjali kien iqarben bil-ħobż u nbid flok bl-ostja. Dan is-saċerdot Ingliż kien joqgħod iż-Żonqor qabel il-gwerra.[4] Darba f'sena kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp u l-Kappilan ta' dak iż-żmien Mons. Joe Carabott kien jibgħat xi abbatini biex jassistu għal din il-festa - kienet tkun ġurnata sħiħa ta' festa.[5] Qabel il-gwerra kienu jieħdu ħsiebha l-patrijiet Dumnikani. Barra siġġijiet li kienu jġibu magħhom in-nies, kien hemm min kien iġib ukoll banketti. Dettal interessanti huwa li s-saċerdoti Dumnikani kienu jsemmu darba waħda il ' mea culpa' fil-konfijtior. Kien hemm żmien fis-sajf li kien ikun hemm quddiesa kuljum. Din kienet tkun fis-sajf fis-7.00 ta' filgħodu - dan kien dejjem qabel il-gwerra.[6] Kien hemm żmien ukoll li patrijiet Kappuċini kienu jassistu fil-quddies. Kien hemm ukoll ċertu patri Terezjan li ta' spiss kien iqaddes f'din il-kappella. Michael Delia kien wieħed mill-



abbatini, u anke kien idoqq il-qanpiena qabel ma' tibda l-funzjoni tal-quddiesa.[7] Ma' ġenb din il-kappella kien joqgħod Ingliz, ċertu Commander Dent. Dan kien sew wara l-gwerra. Abbati ieħor li għen f'din il-knisja kien Carmelo Barbara li ma kienitx tkun l-ewwel darba li kien imur fil-knisja viċi parroċċa ta' Wied il-Għajn ġo Triq La Sengle biex iġib l-ostji mingħand il-viċi-parroku ta' dak iż-żmien, il-Kanonku Ġużepp Mari.[8] Ċertu Oreste, jidhirli Savona, kien il-propjetarju ta' din il-knisja u dan kellu ziju saċerdot. Fuq xewqa tiegħu stess, hekk kif dan is-saċerdot miet, ġie midfun f'nofs il-knisja. Tommy Farrell jirrakontali li fis-sittinijiet kien ġie mqabbad biex jiftaħ il-qabar u jikkonferma wkoll li f'din il-knisja kien midfun saċerdot u kompla jgħidli li hekk kif qala' x-xorok u ttawal 'l isfel ra parti mill-pjaneta li dan is-saċerdot kien imlibbes hekk kif indifen. Din il-pjaneta ra li kienet fi stat li tingħaraf u dan reġa' għalaq il-qabar. Qalli wkoll li l-eredi ta' din il-kappella li kienu joqogħdu r-Raħal l-Ġdid ( din dejjem kienet privata ) riedu jwaqqgħuha bl-isplussivi, pero



dan ma' riedx jidħol għal din ir-responsabilità biex għall-inqas isib lil xi ħadd biex jaffetwa din l-ordni .[9] Grace Zammit u Mary Farrell qaluli li meta f'tarf is-sittinijiet jew il-bidu tas-sebgħinijiet meta din il-kappella ġiet ipprofanata nstab dan il-katavru, kien instab ftit injam u l-għadam. Ftit wara jiftakru li ġiet il-karozza tal-mejtin u marret f'destinazzjoni li ma jafux x'ġara wara. X'sar minn dawn il-fdalijiet ħadd ma' jaf. Żmien wara, din il-knisja ġiet imdawwra f'post għall-użu kummerċjali, fejn l-ewwel stabilliment kien l-Oscar Bar. Jingħad li wara li din il-knisja ġiet ipprofanata, kull stabilliment li fetaħ minflokha qatt ma kampa u kollha ġew magħluqa żmien wara li fetħu. [10] F'waħda miż-żewġ intervisti li jien għamilt lill-President Emeritus l-Avukat Ugo Mifsud Bonnici, huwa qalli li kellhom skala tal-injam, jitilgħuh u kienu jisimgħu l-quddies mid-dar. Hu jikkonferma li l-kappella ta' San Ġużepp ma' kellhiex siġġijiet, anzi biex inkun eżatt jgħid li kellha xi ftit siġġijiet tal-kanadindja u nhar ta' Ħadd, in-nies kienu jġibu s-siġġu magħhom. Semma wkoll illi xi qassisin li kienu jiġu għall-villeġjatura, kienu xi daqqiet iservu f'din il-knisja l-Ħadd u xi drabi anki xi ġranet tax-xogħol. Din il-kappella wara nxtrat minn certu Oscar minn Raħal Ġdid. Ftit wara talab li jagħmel bar fejn semmieh Oscar Bar fil-bidu tas-sebgħinijiet, kif diġa semmejt 'il fuq. F'din il-kappella kien hemm midfun saċerdot bil-kunjom Sapiano. Il-President Emeritus spiċċa biex qalli li l-kappella kienet lajkali li jfisser li tappartjeni lis-sid u mhux lill-kurja Maltija.[11] Stabbiliment ieħor li wara ftit kellu jagħlaq kien il-Ghost Busters. Jingħad li fejn kien hemm l-artal maġġur kien hemm il-bar ta' fejn kien jitqassam ix-xorb wara li sar stabbilment kummercjali. Il-post serva wkoll bħala discoteche.[12] Hija ħasra kbira li kappella, li kif qrajtu hawn fuq, tat servizz spiritwali utli, kellha tispicca f'dan l-istat, b'diversi żmien abbandunata u mitluqa u wara sar dak li sar.

## Referenzi


1. Marsaskala Wied il-Għajn, Kan Joe Abela . Kappella ta' San Ġużepp paġ.49
2. Bliet u Rħula Maltin-Alfie Guillaumier
3. Minn intervistai li għamilt lill-perit Joe Borg Grech u lil Cettina Chetcuti
4. Minn intervista li għamilt lil Giovanni Bonnici
5. Minn intervista li għamilt lill-avukat Godwin Azzopardi
6. Minn intervista li għamilt lis-Superjur u oħtu Ġiovanna Grima
7. Minn intervista li għamilt lil Michael Delia
8. Minn intervista li għamilt lil Carmelo Barbara
9. Minn intervista li għamilt lil Tommy Farrell
10. Minn intervista li għamilt lil Mary Farrell u Grace Zammit
11. Minn intervista li għamilt lill-President Emeritus l-Avukat Ugo Mifsud Bonnici
12. Minn intervista li għamilt lil David Agius